XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Patri Akkursju Xerri OFM (1915 - 1968)*

Kull meta tiġi f'idejna r-rivista *l-Ħajja f'Għawdex* ma nistgħux ma niftakrux fil-fundatur tagħha Patri Akkursju Xerri.

Twieled fis-16 ta' Ġunju 1915 fir-Rabat Għawdex bin Manwel Xerri u Ġanna mwielda Cefai. Wara li ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Gvern daħal is-Seminarju ta' Għawdex fejn dam hemm sal-kors tal-filosofija. Imbagħad daħal fl-Ordni Franġiskan u ħa l-isem ta' Akkursju. Dan kien l-isem ta' wieħed mill-ewwel martri tal-ordni Franġiskan. Is-superjuri tiegħu rawh student intelliġenti u għalhekk bagħtuh jistudja fl-Università Kattolika ta' Milan. Huwa għamel kors fil-letteratura u tħabbeb mar-Rettur tal-Università, il-Franġiskan magħruf, Patri Agostino Gemelli. Huwa għamel ħabib ukoll ma' diversi professuri fl-università. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Ġunju 1939 fl-età ta' 24 sena.

Fl-1940, Patri Akkursju kellu jerġa' lura lejn Malta minħabba l-gwerra. Intgħażel bħala Rettur u surmast tal-istudenti Franġiskani. Dam jgħallem għoxrin sena. Barra li kien jgħallem fil-provinċja Franġiskana għallem ukoll l-istorja tal-Filosofija u l-Letteratura Taljana fis-Seminarju ta' Għawdex sa mis-sena 1952. Fl-1948 waqqaf il-kulleġġ ta' Sant' Antnin fl-Imġarr, Għawdex u kien Rettur tiegħu.

Minkejja l-ħidma fit-tagħlim, ma ttraskurax l-appostolat. Kellu għal qalbu ħafna l-ministeru tal-predikazzjoni. Kien predikatur u konferenzier li kien imfittex mhux biss f'Għawdex iżda f'Malta wkoll. Tkellem ukoll f'diversi akkademji u okkażjonijiet sollenni. Jibqa' magħruf id-diskors tiegħu fl-okkażjoni ta' billejl fl-għeluq il-festi taċ-ċentinarju Pawlin tal-1960.

Minn tfulitu hu ħabb ħafna l-Azzjoni Kattolika u meta kiber sar Assistent Ekkleżjastiku. Għal 20 sena ħadem biex ikun hemm koordinament mal-Azzjoni Kattolika ta' Malta. Huwa kien favur ħafna tal-appostolat tal-lajċi u kien l-ewwel President tal-Ġunta Djoċesana ta' Għawdex.

Dan il-Franġiskan għaraf sewwa li għalkemm il-prietki u d-diskorsi huma importanti madankollu hemm appostolat ieħor li hija l-kitba. Fl-10 ta' Ġunju 1945 Patri Akkursju beda joħroġ il-ġurnal djoċesan "Għawdex" u dam għoxrin sena f'din il-ħidma. Dan il-ġurnal għadu joħroġ proprju f'din ir-rivista li għandek f'idejk. Patri Akkursju kiteb ukoll għadd ta' artikli f'*Leħen is-Sewwa*, ġurnali oħra u rivisti. Ta' min jinnota li fost tant attivitajiet kien isib il-ħin li jikteb.

Ta' min isemmi li l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace għażlu bħala eżaminatur Pro-Sinodali u Mons. Arċisqof Mikiel għażlu bħala eżaminatur tal-Kleru ta' Malta. Dawk kollha li għaddew minn taħt idejh kellhom kelma ta' tifħir u radd il-ħajr għall-mod prattiku u ġentili tiegħu. Barra minn hekk kien membru wkoll



tal-*Boards* Governattivi tal-Karità, tal-Librerija u tal-ismijiet tat-toroq. Bħala rikonoxximent ta' ħidmietu qala' l-medalja *Pro Ecclesia e Pontifice* mingħand il-Papa fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof ta' Għawdex.

Fost tant xogħol kontinwu qatt ma ttraskura d-dmirijiet tal-kunvent. Hu kien Segretarju tal-Provinċjal, Definitur, Kustodju u fl-aħħar Provinċjal. Ix-xogħol tiegħu ma kienx limitat għal Malta u Għawdex biss, għaliex kien ġie wkoll magħżul bħala viżitatur Ġenerali tal-Provinċja Franġiskana fl-Ingilterra, missjoni delikata li wettaq b'sodisfazzjon kbir.

Patri Akkursju kien fl-aqwa tiegħu. L-entużjażmu, il-ħila u d-dedikazzjoni tiegħu kienu bdew iħallu l-frott. Iżda Alla sejjaħlu għal għandu fl-14 ta' Diċembru tal-1968, fl-età ta' 53 sena.

*(Dan il-profil huwa bbażat fuq dawn il-kitbiet:*
*Kan. Nikol Vella Apap, Patri Accursio Xerri, li deher fil-Ħajja f'Għawdex, ta' Diċembru 1972.*
*Kan. John Ciarlò, Patri Akkursju Xerri, li deher f'Leħen is-Sewwa tal-5 ta' Frar, 2005).*

**Angelo Xuereb**

